**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 23 ta' Gunju 2021**

Rikors Numru: 160/21 AL

ABC

u

DE ġja` BC

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettew:

1. Illi l-esponenti zzewgu fl-15 t'Ottubru, 2000 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn unit bhala Dok. 'A'.

2. Illi l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 3 ta' Marzu, 2014 in atti Nutar Dottor Robert Micallef (kopja hawn annessa bhala Dok. 'B') izda ilhom separati defacto minn April, 2012.

3. Illi l-kontendenti kellhom tifel wiehed illi llum ghandu 19-il sena.

4. Illi l-kontedenti ilhom mifrudin izjed minn erba' (4) snin u l-istess partijiet reciprokament jaqblu li ma hemm assolutament ebda’ prospett ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

5. Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg kienu rrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment fil-konfront ta' xulxin kif jirrizulta wkoll mill-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fuq imsemmi (Dok. 'B') filwaqt li l-manteniment ghall-minuri kien gie saldat bhala lump sum payment kif jirrizulta mill-istess kuntratt u ma tezisti assolutament ebda pendenza ta' kwalsijasi natura bejniethom.

6. Illi ghalhekk jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall tazzwieg u biex jigu pronunzjat id-divorzju tal-partijiet.

Talbu lil dina l-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg taghhom li gie celebrat fil-15 t'Ottubru, 2000 hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u biex jirregistrah skont il-ligi fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta’ April, 2021;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta’ Marzu, 2014 u *de facto* separati minn April 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.